www.next-up.org

# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

21.4.2009 0047/2009

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Elizabeth Lynne, Kathy Sinnott, Carl Schlyter

dwar ir-riskji ta' esponiment għal kampijiet elettromanjetiċi mit-teknoloġija wireless

Data ta' skadenza: 7.5.2009

**0047/2009**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-riskji ta' esponiment għal kampijiet elettromanjetiċi mit-teknoloġija wireless**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A billi hemm tħassib pubbliku konsiderevoli dwar ir-riskji għas-saħħa marbuta mal-esponiment għall-kampijiet elettromanjetiċi li jirriżultaw mill-użu tal-antenni tar-radju, tal-mobajls, tat-telefowns cordless u ta' apparat Wi-Fi,

B. billi hemm evidenza li aktar esponiment għat-teknoloġija wireless fid-djar u l-iskejjel jista' f'ċerti ċirkostanzi jipproduċi effetti bijoloġiċi anqas mil-livelli stipulati fil-linji gwida attwali dwar l-esponiment għar-radjazzjoni mill-kampijiet elettromanjetiċi,

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw riċerka ulterjuri dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem li jippreżenta l-użu ta' tagħmir ta' dan it-tip, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw leġiżlazzjoni fuq il-bażi ta' data affidabbli;

2. Jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw il-leġiżlazzjoni ta' Liechtenstein li tistabbilixxi limitu ta' esponiment ta' 0.6 V/m għall-antenni ta' trażmissjoni tal-mowbajls fi nħawi sensittivi bħad-djar, l-iskejjel u l-postijiet tax-xogħol;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jipproduċu informazzjoni biex il-pubbliku jsir konxju tar-riskji possibbli għas-saħħa mill-esponiment għar-radjazzjoni mill-kampijiet elettromanjetiċi;

4. Jitlob li ssir riċerka ffinanzjata b'mod indipendenti dwar l-elettroipersensittività, li hi rikonoxxuta bħala diżabilità fl-Iżvezja;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-promozzjoni ta' teknoloġiji bil-wajers għall-komunikazzjoni tad-data minflok teknoloġiji wireless ta' radju jew microwaves;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill.